# Il-logħba tal-futbol f'San Lawrenz... 45 sena ta' storja... u aktar

Noel Formosa



M'huwiex faċli li wieħed jistabbilixxi dati preċiżi jew persuni partikolari fl-iżvilupp tal-logħba tal-futbol f'raħalna. San Lawrenz, raħal żgħir fil-punent tal-gżira Għawdxija, maż-żmien iddakkar minn irħula oħra tal-gżira, u fiż-żmien opportun waqqaf ukoll uffiċjalment tim tal-futbol li jimmilita fil-kampjonat tal-futbol Għawdxi. Il-preżenza tal-Ingliżi fil-Fortizza ta' Chambrai, Għajnsielem, bla ebda dubju kienet ix-xrara li xegħlet dan l-interess fil-futbol f'Għajnsielem, imbagħad fir-Rabat u eventwalment fil-bqija ta' Għawdex.

Fis-snin erbgħin u ħamsin tas-seklu l-ieħor, it-tfal tar-raħal tagħna kienu jinqdew anki b'ballun sempliċi taċ-ċarruta biex jilagħbu ma' xulxin fit-toroq u fil-Pjazza tagħna, li allura kienu kollha kemm huma tagħhom, mingħajr traffiku. Ħafna dilettanti tal-futbol jirreferu għal dan iż-żmien fejn is-subien kienu jsibu l-għors tagħhom fl-unika logħba maskili u enerġetika possibbli. Il-bniet kellhom il-logħba tal-passju, jew jaħdmu l-bizzilla fuq il-bankina tad-dar tagħhom. Fuq dan il-perjodu, Toni Formosa, li ismu huwa marbut tajjeb mal-klabb tagħna, kif ukoll Lawrenz Piscopo, it-tnejn jirrakkontaw li jiftakru meta kienu għadhom żgħar jilagħbu fil-Pjazza u fit-toroq tagħna l-logħba tal-ballun. Toni jistqarr kemm meta kien għadu żgħir kien ikun il-problema ta' ommu, għax kien jaħarbilha biex imur jilgħab il-futbol. "Meta kont nara ballun, kont nintilef!", hekk qalli b'għajnejh jixegħlu. Min jaf lil Toni, jaf sewwa li din in-namra ma tilifhiex meta kiber, imma baqa' jżommha sal-lum u għaddieha lil ibnu u lin-neputijiet; mhux biss, imma wkoll fost ħafna tfal oħra Lawrenzjani, kif ser naraw aktar 'il quddiem. Il-ballun ma kienx faċli jinxtara, kemm għaliex ma kienx hawn mnejn tixtri u aktar u aktar għaliex l-użu tal-flus biex jinxtara xi ballun kien jitqies bħala dnub, minħabba l-faqar li kien hawn. Imma min iħobb il-ħaġa, jagħmel minn kollox biex joħloq dak li jkollu bżonn. Il-ballun kien ikun kull ħaġa tonda li kienu jaraw... sa basla... Toni qalli li qabel kellu ballun taċ-ċarruta, kien jilgħab b'basla! Insomma, l-importanti li kien jixxuttja!

Għall-aħħar tas-snin ħamsin u fil-bidu tas-snin sittin, permezz tat-televixin, tnissel interess iktar qawwi fil-qalb tad-dilettanti tal-futbol lejn it-timijiet ta' barra xtutna, bħar-*Real Madrid*, il-*Milan*, il-*Manchester United* u oħrajn, biex ma nsemmix il-logħbiet tat-Tazza tad-Dinja fi żmien il-Brażil ta' Pelé. Anki f'raħalna, minkejja li kien hawn televixin wieħed biss, kien hawn żgħażagħ iffissati fuq it-*Tottenham Hotspurs* u l-*Manchester United.* Joe Mercieca kien saħansitra jirċievi r-rivisti kollha tat-*Tottenham Hotspurs*!

Sadanittant, Dun Ġużepp Piscopo kien beda jieħu lill-abbatini, fosthom anki ruxxmata tfal u żgħażagħ, jilagħbu fil-grawnd tat-tennis tal-*barracks* tas-suldati f'Ta' Dbieġi. Inkariga ruħu hu stess biex jakkwista l-permessi neċessarji. Jekk mhux hekk, it-tfal u ż-żgħażagħ kienu jilagħbu l-futbol jew f'nofs it-triq jew f'nofs il-Pjazza. Bħalma wieħed jista' jimmaġina, il-pulizija kien jagħlaq għajn waħda. Imma xi drabi kienu jinħolqu inkonvenjenti oħra minħabba t-tkissir tal-ħġieġ tat-twieqi. Imma dak il-frak tal-ħġieġ u xi tgergira llum issarrfu fit-twaqqif ta' klabb tal-futbol li b'ċerta regolarità jieħu ħsieb il-logħba tal-futbol. Nistgħu ngħidu li, grazzi għal din l-inizjattiva, dak iż-żmien kienet bdiet tinħoloq ix-xewqa għal xi ħaġa aktar organizzata.

Kien hemm żvilupp importanti ħafna fil-logħba tal-futbol f'raħalna meta xi żgħażagħ tagħna bdew jorganizzaw logħbiet ġo għalqa sempliċi, tal-Għansar, ma' tim mir-raħal tal-qrib, tal-Għarb, u anki xi tim miż-Żebbuġ. Kien il-bidu! Ma naqsux diffikultajiet ta' natura organizzattiva. Ġlied u nuqqas ta' qbil kemm trid! Ftit kienu dawk il-logħbiet li waslu sat-tmiem.

Kien propju f'dan iż-żmien li l-interess kbir li kien hawn fir-raħal għall-futbol qanqal xi nies minn San Lawrenz biex iwaqqfu tim tal-futbol, affiljat mal-*Gozo Football Association*. Dan kien fl-1968. Nistgħu ngħidu li San Lawrenz kien l-ewwel raħal fuq din ix-xaqliba ta' Għawdex li ħa din l-inizjattiva. Dawn in-nies kienu: Toni Formosa, probabbilment il-moħħ wara din l-idea, ħatnu Lawrenz Piscopo, Ġużepp Cassar, it-tabib Carmel Grima, Karmnu Micallef u Salvu Cauchi. Ma kinitx ħaġa faċli, anki minħabba l-fatt li Għawdex kien għaddej minn perjodu diffiċli ta' natura ekonomika. Skont Ġużepp Cassar, it-teżorier tal-klabb il-ġdid, il-membri tal-Kumitat qablu li jikkontribwixxu Lm10 (€23.00) kull wieħed biex jiffinanzjaw l-ispejjeż neċessarji. Meta wieħed iqabbel il-paga ta' dakinhar, din ma kinitx somma żgħira! Ġużepp jirrakkonta kif il-Klabb kellu membri mhux ħażin; saħansitra anki Dun Girgor, il-Kappillan, f'dak iż-żmien kien iħallas il-miżata ta' membru. Il-miżata kienet ta' Lm1 (€2.30).

Il-plejers tal-ewwel tim tar-raħal kienu: Joe Mercieca, John Mizzi, Serafin Formosa, Karmnu Cassar, Salvu Formosa, Lewis



*Iż-żgħażagħ Lawrenzjani fis-snin sittin, f'wieħed mit-*tournaments *li kienu jiġu organizzati biex iż-żgħażagħ jingabru għall-futbol.*

Formosa, Victor Cassar, Tony Cauchi, Karmnu Formosa, Louis Cauchi, Victor Grima, Anġlu Apap u Joe Formosa. Il-plejers kienu jixtru huma stess iż-żraben tal-futbol.

Jidher li l-bidu ta' dan il-klabb u eventwalment it-twaqqif uffiċjali tal-ewwel tim kien wieħed sodisfaċenti ħafna. Skont id-dilettanti li jiftakru tajjeb dak iż-żmien, il-post tat-taħriġ tagħhom kien fil-Grawnd tal-Iskola, u wkoll jiltaqgħu filgħaxijiet fil-Pjazza, fejn b'mod mhux uffiċjali kien jagħmlu xi logħba, xi ħaġa li niftakar anki jien. Kienu żminijiet oħra. Illum il-karozzi ħadu post il-bniedem fit-toroq u l-pjazez tagħna, u tbattlu mit-tfal tagħna li ssakkru ġewwa, xi drabi waħidhom jilagħbu magħhom infushom.

L-ewwel kowċ tat-tim kien George Cremona, imlaqqam ta' Peppu ta' Peppa, mir-Rabat, imma l-aktar kowċ popolari kien Anton Mercieca, imsejjaħ tax-Xelina, mir-Rabat ukoll. Anton kien qajjem interess partikolari mhux biss fost il-plejers imma wkoll fir-raħal. Ġiġi Formosa jirrakkonta li kienu jikru xarabank u kienet tkun mimlija bis-*supporters*; jenfasizza li kienu jkunu ħafna.

Ġigi jiftakar sew l-ewwel partita u nista' ngħid li għadu jiftakar azzjoni wara l-oħra tagħha. Xħin beda jirrakkontali, kien qisu kummentatur waqt partita futbol. "L-ewwel skorjajna aħna", dik kienet l-ewwel kelma li qalli meta saqsejtu jekk għadux jiftakar l-ewwel partita. "Imma kontra min lgħabtu?", staqsejtu, biex forsi nibdew mill-bidu. L-avversarju kien it-tim tax-Xagħra. Fil-fatt, għalkemm it-tim tagħna fetaħ l-iskor, Lewis qalli: "Imma konna tlifna tnejn b'wieħed". Dan ir-riżultat żgur li ma kienx qata' qalb la lit-tim u lanqas lill-Kumitat.

Il-problema ta' emigrazzjoni tas-sittinijiet laqtet ukoll lil-lokalità tagħna. Ħafna miż-żgħażagħ tagħna ddeċidew li jfittxu ħajja aħjar f'kontinent 'il bogħod ħafna minn xtutna, l-Awstralja. Dan wassal biex nistgħu ngħidu raħalna tbattal minn żgħażagħ b'enerġija, u eventwalment futbolers. Dan wassal ukoll biex it-tim tagħna jieqaf. Dan seħħ wara tliet staġuni biss.

Fil-fatt uffiċjalment it-tim baqa' jeżisti fuq insistenza ta' grupp ta' dilettanti mir-Rabat, li allura daħħlu fit-tim plejers oħra, li kienu jilagħbu taħt l-isem tas-*St Laurence*.

Fil-bidu tas-snin sebgħin intlagħbu diversi kampjonati żgħar fost it-tfal u ż-żgħażagħ tar-raħal bl-inizjattiva ta' Dun Ġużepp Piscopo, is-seminarista Leli Cutajar, illum Dun Manwel, u Joe Mercieca, propju fil-Grawnd tal-Iskola tar-raħal. Maż-żmien beda jinbena grawnd sabiħ tal-futbol, eżatt bejn ir-raħal tagħna u dak tal-Għarb. Il-promutur prinċipali ta' dan il-proġett kien Mitri Agius, li xtaq joħloq ambjent adatt biex fih jilagħbu t-tfal taż-żewġt irħula, tant neqsin minn ambjenti sportivi ħlief għall-Grawnd tal-Iskola. Kien hawn li mbagħad ħafna tfal u żgħażagħ taż-żewġt irħula kienu jilagħbu ma' xulxin f'diversi kampjonati sempliċi, għall-pjaċir tal-logħba.

Fl-1984, Joe Mercieca insista li t-tfal taż-żewġt irħula jidħlu jilagħbu bħala tim wieħed fil-kampjonat Għawdxi tal-*Under 14*, taħt l-isem *Western Spurs*. Lewis Apap u Dun Manwel Cutajar taw l-appoġġ tagħhom. Ix-xogħol irnexxa tant li fl-1986 iż-żewġt irħula, San Lawrenz u l-Għarb, applikaw biex jippreżentaw tim wieħed biex jimmilita fil-kampjonat Għawdxi. Dan l-esperiment serva biss sal-1987, u f'dik is-sena kemm San Lawrenz u kemm l-Għarb reġa' kellhom il-klabbs rispettivi tagħhom fil-Kampjonat Għawdxi, jiġifieri *St Laurence Spurs* u *Għarb Rangers*. Dakinhar l-isem tal-klabb tagħna uffiċjalment kien sar *St Laurence Spurs FC*.

Fl-istaġun 1986-1987, it-tim tal-*Under 16* tar-raħal tagħna rebaħ il-Kampjonat Għawdxi ta' din il-kategorija u hekk kiseb unur kbir, propju fis-sena li fih reġa' daħal jieħu sehem bħala *St Laurence Spurs* fil-Kampjonat tal-Futbol f'Għawdex. Kienu saru festeġġjamenti kbar! Dan kien awgurju tajjeb għat-tim ġdid ta' raħal żgħir bħal tagħna li jrid iħabbat wiċċu ma' timijiet wisq akbar minnu.

Fl-1994, is-*St Laurence Spurs*, taħt it-tmexxija għaqlija tal-kowċ Salvu Cilia, rebħu l-Kampjonat tat-Tieni Diviżjoni ta' Għawdex, li kienet tfisser promozzjoni għall-Ewwel Diviżjoni. Kien mument storiku għall-Klabb! Ir-raħal kollu ngħaqad mal-Klabb biex jiffesteġġja dan l-unur mistħoqq wara snin ta' ħidma sfiqa. Dan kien l-ewwel unur għall-Klabb tagħna; warajh ġew oħra, kif ser naraw aktar 'il quddiem.

Fl-istaġun tal-1984-1985 kienet twaqqfet l-ewwel *nursery* biex tibda trawwem l-imħabba lejn il-futbol fost it-tfal tagħna. Din in-*nursery* twaqqfet meta ż-żewġ timijiet kienu għadhom flimkien taħt l-isem ta' *Western Spurs*. Kif rajna ġa qabel, meta t-tim imbagħad kien taħt l-isem ta' *St Laurence Spurs*, dak ta' taħt is-sittax-il sena kien rebaħ il-Kampjonat Għawdxi. Din il-mewġa ta' mumenti sbieħ saret sensiela ta' riżultati li taw

*"Raħalna, grazzi għal diversi persuni li dejjem ħarsu 'l barra miż-żmien li kienu jgħixu fih, dejjem mexa 'l quddiem".*



*L-ewwel tim ta' San Lawrenz, 1968.*

sodisfazzjon. Fl-istaġun 1994-1995, it-tim ta' taħt it-tlettax-il sena kienu *runners up*, l-istess bħalma kien it-tim ta' taħt l-erbatax-il sena fl-istaġun 1997-1998. L-aħħar riżultat tajjeb imniżżel fl-istorja tal-Klabb tagħna huwa dak għat-tim ta' taħt it-tmintax-il sena, li kkwalifikaw bħala finalisti għal dan l-istaġun 2012-2013. Tajjeb li nsemmu li dan it-tim qed jilgħab taħt l-isem *Għarb-St Laurence*, peress li f'dawn l-aħħar snin, minħabba n-nuqqas ta' tfal fiż-żewġt irħula qrib xulxin, reġgħet ittieħdet id-deċiżjoni li jingħaqdu l-isforzi u titwaqqaf *nursery* waħda.

Patrick Cassar, li fil-mument huwa wieħed mill-promuturi ewlenin tal-futbol f'raħalna, tani sensiela ta' suċċessi li l-Klabb tagħna, partikolarment it-tim tal-Kbar, kien kapaċi jakkwista; unuri li mhux biss jagħmlu isem lill-Klabb imma wkoll lil raħalna. Nistgħu ngħidu li mill-istaġun 1989-1990 sal-istaġun li ninsabu fih, it-tim tagħna kellu ħdax-il mument importanti li fihom kiseb xi unur. Fost dawn tajjeb li nsemmu unuri prestiġjużi li għalkemm raħal żgħir, konna kapaċi nakkwistaw. Fl-istaġuni 1993-1994, 1998-1999 u dak riċenti 2008-2009, it-tim tagħna, *St Laurence Spurs*, kien kampjun tat-Tieni Diviżjoni u promoss għall-Ewwel Diviżjoni.

Forsi wieħed jorbot klabb tal-futbol mal-logħba tal-futbol biss, imma ma nistgħux ngħidu hekk għall-Klabb tagħna. Dan il-Klabb ħa diversi inizjattivi biex jippromovi l-isport fil-lokalità tagħna matul iż-żmien. Fl-1996 twaqqaf tim tan-nisa tal-*volleyball* f'San Lawrenz; dan sar bis-sapport tal-Klabb u tal-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz. Dan kellu jżarma wara ftit, eżattament f'Mejju 2000, peress li f'Għawdex ma kienx hawn ma' min jikkompeti. Inizjattiva oħra li saret bejn iż-żewġ entitajiet kienet dik li jsir *UEFA minipitch*, l-ewwel wieħed tax-xorti tiegħu f'Għawdex. Dan kien sar fl-2006. Propju din is-sena, 2013, dan l-istess *pitch* tkabbar u sar *5-aside pitch* biex jaqdi kemm lill-iskola u kemm lit-tim tagħna. Ħidma oħra konġunta li saret flimkien mal-Kunsill Lokali kienu *Youth Exchanges* u anki *tournaments* żgħar li saru barra minn xtutna, fl-Isvezja u anki f'Colle Umberto, fejn il-lokalità tagħna hija ġemellata.

Inizjattivi oħra li jieħu dan il-Klabb, fuq natura aktar soċjali, huma d-diversi attivitajiet li jorganizza għall-plejers u s-*supporters*. Ikliet u *get-togethers* bla dubju għenu biex it-tim iħossu aktar familja waħda. Hawn tajjeb insemmu lill-grupp ta' nisa li ta' kull xahar jorganizzaw *high teas* bħala ġbir ta' flus biex isostni l-Klabb.

F'Novembru 1994, il-Parroċċa, fi żmien il-Kappillan Dun Mikiel Borg, kienet għaddiet l-amministrazzjoni tal-Bar f'idejn il-Klabb tal-Futbol, biex ikun ta' għajnuna finanzjarja fit-tmexxija tal-Klabb, peress li minn żmien għall-ieħor kienet qed issir ta' piż kbir fuq il-Kumitat biex iżomm il-Klabb. Minn dakinhar sal-lum kienu diversi dawk l-irġiel u ġuvintur li ħadu ħsieb ta' kull filgħaxija jiftħu biex jipprovdu post fejn jiltaqgħu ż-żgħażagħ u l-irġiel tagħna. Inizjattivi meħuda fi żminijiet differenti wasslu wkoll biex il-parti tal-Bar tiġi ddekorata u attrezzata tajjeb biex jilqa' lil kull min jidħol fih. Wieħed jista' jara t-trofej u diversi ritratti li jfakkru l-mumenti ta' glorja ta' dan it-tim.

Dan kollu li semmejna jirrikjedi ħafna xogħol, imma huwa xogħol ta' ħafna dedikazzjoni u mħabba; imħabba li tat u tkompli tagħti n-nifs lil dan il-Klabb.

Din hija storja oħra ta' raħalna, storja ta' poplu mżewqa b'kuluri li tkompli tagħmel il-komunità tagħna waħda ħajja. Raħalna, grazzi għal diversi persuni li dejjem ħarsu 'l barra miż-żmien li kienu jgħixu fih, dejjem mexa 'l quddiem. Dawn in-nies raw kif il-komunità tagħna jkollha opportunitajiet li permezz tagħhom tingħaqad. Il-logħba tal-ballun ma kinitx eċċezzjoni! ▪



*Intervista ma' Toni Formosa u Lawrenz Piscopo, li taw ħafna informazzjoni fuq it-twaqqif tat-tim.*

**Ħajr lil** Patrick Cassar, Dun Manwel Cutajar, Ġiġi Formosa,Toni Formosa, Joe Mercieca, George Micallef, Lawrenz Piscopo, Ġorġ Vella Muskat.